
ANDREW MICALLEF
1991

# IL-QERD IN-NAĦAL

*John Azzopardi*

Fost l-erba' speċi ta' qerd in-naħal li jinstabu madwar id-dinja, dak ta' l-Ewropa huwa l-aktar wieħed magħruf f'pajjiżna. Dan ilaħħaq tul ta' 28 ċm inklużi l-par rixiet twal f'nofs denbu. Huwa jiżen madwar 55 gramm u għalhekk huwa wieħed mill-akbar fost l-ispeċi ta' qerd in-naħal.

F'ċirkostanzi normali, il-qerd in-naħal huwa għasfur x'aktarx fidil u li jippermettilek tosservah mill-qrib. Għalkemm huwa għasfur kulurit, l-ilwien sbieħ tiegħu jispikkaw l-aktar meta jkun wieqaf fuq xi zokk ta' siġra jew fuq il-wajers ta' l-elettriku, minn fejn jittajjar għall-insetti. Il-mara u r-raġel għandhom l-istess ilwien u bilkemm jintgħarfu minn xulxin. Il-kuluri tal-frieħ huma kważi bħal tal-kbar, minbarra d-dahar u l-ġwienaħ li jkunu ta' lewn ħadrani sakemm joħorfu għall-ħabta ta' Diċembru, meta l-lewn kannella qastni jitfaċċa għall-ewwel darba.

Il-qerd in-naħal jiekol l-aktar naħal u żnażan. Malli jaqbad xi wieħed minn dawn l-insetti, erħilu jħokku fuq xi zokk ta' siġra biex ineħħilu x-xewka qabel jibilgħu. Tant jippreferi dan it-tip ta' insetti li jaħsbu li dan l-għasfur infirex fit-tramuntana tar-Russja meta bdiet tinxtered it-trobbija tan-naħal mill-bdiewa. Insetti oħrajn li dan l-għasfur iħobb jiekol huma nemel itir, dubbien, werżieq, ħanfus, ġurati, friefet, mazzarelli, kif ukoll xi brimb li jinzerta jittajjar mar-riħ. Dawn l-insetti kollha jinqabdu fl-arja.

Il-qerd in-naħal jinstab jgħix fil-pajjiżi kollha tal-Mediterran u huwa abbundanti l-aktar fir-Russja biswit ix-xmajjar Volga u Don. Minbarra fil-pajjiżi ta' l-Affrika ta' fuq, fin-nofsinhar ta' Franza, fl-Italja, fil-gżejjer tal-Mediterran, u fil-peninsula tal-Balkani, dan l-għasfur jinstab ukoll fil-Lvant Nofsani sal-Baħar Kaspju u l-Golf Għarbi, u mill-Baħar Aral sa l-Indus.

Il-qerd in-naħal jgħix f'kolonji u l-bejta tiegħu tikkonsisti f'toqba mħaffra fil-ġenb ta' xi xmara jew fir-ramel. L-għasfur jibda jħaffer billi jagħti daqqiet b'munqaru u mbagħad jimbotta r-ramel jew ħamrija lura b'saqajh. F'kemm ili ngħidlek iħaffer toqba fonda bejn metru u żewġ metri. Fit-tarf tat-toqba jagħmel bħal ħofra ta' għamla ovali fejn jitpoġġa l-bajd. Il-bajd huwa ta' lewn abjad, u dan jgħin biex il-qerd in-naħal ikun jista' jsibu fid-dlam.

Fil-ħarifa, qtajja' kbar u storbjużi ta' qerd in-naħal ipassu lejn il-majjistral ta' l-Indja u lejn l-Affrika, biex jaħarbu

◄
*IL-QERD IN-NAĦAL – l-aktar li jidher f'pajjiżna huwa fir-rebbiegħa.*

x-xitwa. Il-qerd in-naħal ipassi binħar u l-passa ta' dan l-għasfur hija qawwija ħafna f'postijiet bħal Ġibiltà, Messina, u Ateni fejn ikun hemm konċentrazzjoni fir-rebbiegħa u fil-ħarifa.

F'Malta l-qerd in-naħal niltaqgħu miegħu l-aktar fir-rebbiegħa, bejn April u Ġunju, fi qtajja' żgħar ta' mhux aktar minn għoxrin għasfur, għalkemm xi mindaqqiet jidhru qtajja' ferm akbar. Fil-ħarifa m'huwiex daqstant komuni u jidher fi qtajja' żgħar f'xi ġranet bejn Awwissu u Settembru. Peress li dan l-għasfur jgħajjat kważi kontinwament, aktarx tisimgħu qabel tarah. Fl-imgħoddi, il-qerd in-naħal kien jidher f'numri akbar. L-ornitoloġista Antonio Schembri fl-1843 kiteb li l-Qerd in-Naħal ġieli bejjet fir-Ramla l-Ħamra, f'Għawdex.

Sfortunatament, għalkemm għasfur protett, il-qerd in-naħal spiss jinqatel mill-kaċċaturi Maltin biex jiġi bbalzmat. Din hija tassew ħasra għax dan l-għasfur jista' jbejjet f'pajjiżna fi nħawi addattati li kieku ma jkunx persegwitat. Malta hija l-unika gżira prinċipali fil-Mediterran fejn il-Qerd in-Naħal ma jbejjitx.

❑


ISSIEĦEB MA'

# SSCN

IS-SOĊJETA` GĦALL-ISTUDJU U L-ĦARSIEN TAN-NATURA

*is-soċjetà li :*

❑ TAĦDEM FAVUR L-APPREZZAMENT TAL-WIRT NATURALI

❑ TAĦDEM KONTRA KULL TIP TA' QTIL TAL-ĦAJJA SELVAĠĠA

ISSIEĦEB ISSA

**imsieħeb:**

| | |
|---|---|
| sa 12-il sena | *Lm1* |
| 13 sa 25 sena | *Lm2* |
| minn 26 'l fuq | *Lm2* |
| familja | *Lm3* |
| imsieħeb għal għomru | *Lm50* |

Isem:

Indirizz:

Tel:

SSCN, P.O. Box 459
Valletta CMR 01